IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 04**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 9 ta' Ottubru 2014 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B03**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B03 ġew meħuda bħala moqrija. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B03*

1.02 Is-Sur Paul Galea talab emenda f'item **5.02** biex jiżdiedu dawn il-kliem: *Emenda*
"Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa * **"li hu kien infurmat"** li l-kuntrattur illi qata' l-ħaxix fl-Għemieri, flok ġabar il-ħaxix ħażin, tah in-nar fuq il-post. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan it-tip ta' servizz mhuwiex aċċettabbli u talbet il-koperazzjoni tal-membri sabiex jekk jafu b'każijiet bħal dawn jgħaddulha l-informazzjoni sabiex jekk l-kuntrattur ikun tqabbad mill-Kunsill, dan jinżammlu l-pagament."

1.03 Il-minuti ġew approvati unanimament hekk kif emendati u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B03** *Punti li joħorġu mill-Minuti B03*

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill iddeċieda li joħroġ *tender* tal-qtugħ tal-ħaxix għar-Rabat kollu. Hija staqsiet lill-Kumitat Amminisrattiv jekk jixtiqux li jinkorporaw iż-żona tal-Baħrija fit-*tender* tal-Kunsill u joħroġ *tender* wieħed. *Ħruġ ta' sejħa għall-offerti għall-qtugħ ta' ħaxix*

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kumitat Amministrattiv joħroġ *tender* separat minn dak tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri sabiex jibagħtulha l-lista tat-toroq li jixtiequ li jdaħħlu f'dan it-*tender*.

| | | |
|---|---|---|
| 2.02 | 2.02 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li dawn il-bozoz twaħħlu però għadhom iridu jitqabbdu mal-linja tal-Korporazzjoni Enemalta peress li qegħdin fil-proċess tal-applikazzjoni. | Installazzjoni ta' erba' bozoz ġodda |
| 2.03 | 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien ntbagħat *reminder* ieħor lill-Korporazzjoni Enemalta. | Wajer tad-dawl perikoluż fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima |
| 2.04 | 2.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li r-rapport lill-Mepa kien sar però l-Kumitat kien għadu ma rċieva l-ebda risposta. | Rimi ta' skart fi Triq in-Namura |
| 2.05 | 5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ix-xogħol tlesta. | Qtugħ ta' ħaxix wara l-*station* ta' Wied Rini |
| 2.06 | 5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-*shade* kien gie ordnat. | Installazzjoni ta' *shade* ma' bozza mad-dar *Beyond Paradise,* Triq il-Lewż |
| 2.07 | 5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li qed nistennew tweġiba mill-uffiċċju tal-Onor. Ian Borg. | Laqgħa mal-Onor. Ian Borg dwar il-proġett tad-drenaġġ |
| 2.08 | 5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart ser jibagħat kwotazzjoni qabel ma jnaddaf peress li din iż-żona ma tagħmilx parti mill-kuntratt tal-ġbir tal-iskart. | Skart mormi f'Ras ir-Raheb |
| 2.09 | 5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ix-xogħol se jsir fil-ġimgħat li ġejjin. | Qtugħ ta' ħaxix fl-Imtaħleb |
| 2.10 | 5.09 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ix-xogħol tlesta. | Qtugħ ta' ħaxix fil-Kunċizzjoni |
| 2.11 | 6.01 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li l-laqgħa mal-pulizija ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Ottubru 2014 fis-2.30 pm ġewwa l-għassa. Il-Membri kienu mistiedna biex jattendu għal din il-laqgħa. | Laqgħa mal-pulizija dwar il-Festa ta' San Martin |

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

3.01 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li kien hemm ħajt fi triq fl-Imtaħleb li kien qed iżomm it-triq u dan iġġarraf. Huwa qal li dan il-ħajt reġa' nbena bil-*bricks* minn individwu għas-spejjeż tiegħu, u issa kien qed jagħmel talba lill-Kumitat Amministrattiv biex jipprovdi l-konkos sabiex isaħħaħ dan il-ħajt biex ma jerġax jiġġarraf. — Ħajt fl-Imtaħleb

Is-Sur George Attard staqsa jekk tali ħajt setax jinbena tal-*bricks* peress li qiegħed fil-kampanja. Huwa talab li jiġi vverifikat kemm hu twil il-ħajt sabiex

naraw kemm għandna bżonn konkos u kemm ser tiġi tiswa l-ispiża.

Il-Kumitat iddeċieda li nitolbu lill-perit tal-Kunsill biex imur fuq il-post maċ-Ċerpersin sabiex jara jekk dan il-ħajt hux konformi mar-regolamenti tal-Mepa, jekk hux mibni skont is-sengħa u kemm hemm bżonn konkos. Il-Kumitat qabel unanimament.

3.02 Iċ-Ċerpersin saħaq dwar il-bżonn li qabel il-festa ta' San Martin għandu jinqata' l-ħaxix ta' fuq u ta' taħt il-bankini. Kif ukoll sabiex l-għada tal-festa, fl-10 ta' Novembru t-toroq jinkinsu l-ewwel xogħol filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-kuntrattur ser jiġi avżat bil-miktub biex l-għada tal-festa jsir it-tindif meħtieġ. *Qtugħ ta' ħaxix ta' mal-bankini u tindif*

3.03 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li l-bejjiegħa tal-gabbani ta' kull sena qed iħallu ħafna ħmieġ warajhom. *Ħmieġ mill-gabbani tal-festi*

Ġie deċiż li waqt il-laqgħa li ser issir mal-pulizija, nitolbu li waqt li jkunu qegħdin iżarmaw tal-gabbani ssir ronda mill-pulizija ħalli jiżguraw li r-regolamenti li għandhom fil-permess jiġu osservati.

3.04 Iċ-Ċerpersin ppropona li jigi ordnat is-servizz ta' pulizija mit-8am sat-8pm sabiex joqgħod għassa mal-*playing field.* Issekonda din l-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimamnet. *Servizz ta' pulizija*

3.05 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand xi anzjani sabiex darbtejn fil-ġimgħa jibda jkun hemm servizz ta' *mini bus* biex ikunu jistgħu jmorru d-*day centre*. *Talba għal servizz ta' mini bus għad-day centre*

Il-Kumitat ma qabilx li jipprovdi dan is-servizz peress li jista' jsir użu mit-trasport pubbliku li jidħol il-Baħrija kull siegħa.

3.06 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li kien irċieva talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Raddet ir-Roti. Huwa propona li din it-talba tiġi milqugħa. Wara li ma kienx hemm qbil il-Kumitat mar għall-vot. Il-mozzjoni m'għaddietx b'żewġ voti favur u tlieta kontra. *Sleeping policeman fi Triq Raddet ir-Roti*

3.07 Is-Sur Paul Galea ppropona li jsir *patching* fl-Imtaħleb, minn ħdejn l-iskola sa ħdejn ir-razzett ta' Żeppita u fin-niżla ta' Fomm ir-Riħ. Issekonda din l-proposta s-Sur Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament. *Patching fl- fl-Imtaħleb u Fomm ir-Riħ*

3.08 Is-Sur Anġlu Portelli talab li jsir rapport lill-Korporazzjoni Enemalta li hemm ħsara fil-linja tad-dawl tat-triq tal-Fiddien. *Dawl maqtugħ fit-Triq tal-Fiddien*

3.09 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li nsterqet mera bl-arblu b'kollox fil-*main road* tal-Baħrija k/m Triq is-Santi (it-triq li tagħti għall-Ġnejna). Huwa propona li tiġi ordnata mera oħra. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament. *Serq ta' mera mill-main road tal-Baħrija*

3.10 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li l-bozza li applika għaliha tliet snin ilu ġewwa Landrijiet u li ġiet approvata mill-Korporazzjoni Enemalta titwaħħal. Issekonda Paul Grech. Il-Kumitat qabel. *Bozza ġdida f'Landrijiet*

| | | |
|---|---|---|
| 3.11 | Is-Sur Anġlu Portelli qal li fi Triq il-Ġnien tan-Nigra ħdejn id-dar *Hunter's Nest* hemm bozza mdendla u qiegħda perikoluża. | Bozza perikoluża fi Triq il-Ġnien tan-Nigra |
| **4.00** | **Kommunikazzjoni** | |
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv kien qiegħed jiġi mistieden għal-laqgħa plenarja organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Hija talbet lill-Kumitat Amministrattiv sabiex jaħtar rappreżentant għal din il-laqgħa. Il-Kumitat informa lis-Segretarju Ezekuttiv li minħabba impenji oħra ħadd mill-membri ma seta' jattendi għal din il-laqgħa. | Laqgħa Plenarja |
| 4.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dwar ilment ricevut mill-OPM li t-triq tal-Imtaħleb li twasslek għalfejn kellu il-Villa Mintoff għandha bżonn manutenzjoni.<br><br>Wara diskussjoni li saret il-Kumitat iddeċieda illi s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat tinforma lill-OPM li l-Kumitat Amministrattiv m'għandux biżżejjed finanzi biex jagħmel it-triq kollha u għaldaqstant ix-xogħol ta' manutenzjoni kien ser isir sa ftit 'l fuq mill-Villa ta' Mintoff. | Xogħol ta' manutenzjoni fuq it-Triq tal-Imtaħleb |
| 5.00 | **Materiji Oħra** | |
| 5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-*Playgrounds Inspection Report'* ta' Ġnien tal-Barnuża għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv.<br><br>Wara diskussjoni li saret dwar dan ir-rapport is-Sur Paul Galea ppropona li l-apparat u t-tapit l-antik jinqalgħu kif mitlub fl-istess rapport. Peress li ma kienx hemm qbil il-Kumitat mar għall-vot. Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur u wieħed kontra. | *Playgrounds Inspection Report* ta' Ġnien tal-Barnuża |
| **6.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 6.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Novembru 2014 fil-5.00 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |
| 6.02 | Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum il-Ħamis 6 ta' Novembru 2014

Paul Grech
**Paul Grech**
**Ċerpersin**

Orietta
**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

PG